MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 1217/2010/1

**CAREMALTA LIMITED (C28382)**

**vs**

**LOUIS CINI (952945M) u b'digriet tat-Tribunal ta' nhar is-06 ta' Dicembru 2010, gew kjamati in kawza l-eredi tal-mejjet Carmelo Cini, jigifieri, Saverina Cini, George Cini, Carmen Farrugia, Arnold Cini u Reverendu Carlo Cini.**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fil-05 ta' Marzu, 2013 mit-Tribunal Ghal Talbiet Żgħar li ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*"It-Tribunal,*

*Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi fis-17 ta' Marzu, 2008 l-konvenut Louis Cini iffirma 'Admission Agreement of Residents to Villa Messina, St Dominic Square, Rabat', li in forza tieghu s-socjeta' attrici pprovdiet akkomodazzjoni go Villa Messina lil Carmelo Cini (Dok A); ghal tali akkomodazzjoni sal- 31 ta' Dicembru, 2008 il-konvenut baqghalu jhallas lis-socjeta' attrici bilanc ta' elf, sitt mija u sitt ewro u sebgha u tletin centezmu (€1,606.37) (Dok B); b'ittra ufficjali datata 28 ta' Jannar 2010 s-socjeta' attrici nterpellat lill-konvenut ghal hlas izda dan b'nota tat-8 ta' Frar, 2010 iddikjara li ma jridx ihallas (Dok C); ghalhekk qed tigi istitwita din il-procedura.*

*Ra r-risposta tal-konvenut pprezentata fl-24 t'Awwissu, 2010 li eccepixxa illi preliminarjament ghandhom jigu msejha fil-kawza l-eredi tal-mejjet Carmelo Cini jigifieri Saverina Cini, George Cini, Carmen Farrugia, Arnold Cini u Charles Cini biex jirrispondu ghat-talba attrici; illi subordinatament ghall-ewwel talba l-intimat m'ghandux jinzamm responsabbli tal-hlas mitlub mis-socjeta' attrici; illi dejjem minghajr pregudizzju ebda ammont mhu dovut mill-intimat stante l-hlasijiet saru kollha mill-assi ta' Carmelo Cini u ghalhekk ma ghandu jghati xejn.*

*Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit- 28 ta' Marzu, 2011 fejn eccepixxa illi l-esponenti mhux l-uniku eredi tal-mejjet Carmelo Cini; li skont it-testment fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood datat 3 ta' Dicembru, 2008, l-eredi l-ohra huma George Cini, Philip Cini, Carmel Farrugia, Arnold Cini u r-Reverendu Carlo Cini, li ghalhekk ghandhom jigu kjamati in kawza; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2147 (b) tal-Kodici Civili; salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ra r-risposta tal-kjamati in kawza George Cini, Carmela Farrugia, Philip Cini, Arnold Cini u r-Reverendu Carlo Cini li permezz taghha qeghdin jikkontestaw t-talba stante li preliminarjament it-talbiet attrici huma perenti a tenut tal-artikolu 2147 (b) tal-Kodici Civili; fil-mertu, ir-rispondenti m'ghandhom ebda relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta' attrici*

*u ghalhekk mhumiex il-legittimi kuntraditturi; illi t-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront tar-rispondenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*Sema' x-xhieda ta' Dr Aldo Vella, James Scriha ghas-socjeta attrici;*

*Sema' x-xhieda ta' Frangeska Saveria Cini kjamata in kawza;*

*Ra l-atti kollha tal-kawza;*

*Ra ukoll il-verbal tat- 18 t'Ottubru, 2012 li bih thalliet ghas-sentenza prelimnari dwar il-preskrizzjoni;*

***Ikkunsidra:***

*Illi l-kovenut u l-kjamati ' n kawza sollevaw l-eccezzzjoni tal-preskrizzzjoni ai termini tal-artikolu 1247(b) .*

*Mill-provi jirrizulta illi l-mejjet Carmel Cini kien resident Villa Messina r-Rabat u li miet meta kien residenti f'din id-dar tal-anzjani fil-perjodu bejn is-17 ta' Marzu 2008 sat-30 ta' Dicembru 2008.*

*Illi mill-provi irrizulta li kien Louis Cini, l-konveut, li kien wassal lil Carmelo Cini sad-dar tal-anzjani u li kien hu li kien ghalhekk irregistrah u ffirma l-kuntratt ossia l-Admission Agreement.*

*Illi l-ammont dovut huwa fis-somma kumplessiva ta' €1,606.37 in kwantu elf, erbgha mija u tlieta u disghin ewro (€1,493) ghall-allogg, trasport,*

*nursing expenses u medicina, kont ta' telefown u wiehed u ghoxrin ewro u erbgha centezmi (€21.04) u mija tnejn u disghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€192.94) ghall-perjodu iehor li dawn ghandhom jitnaqqsu permezz ta' credit note (ara dok AV4). Illi l-ewwel invoice li gie pprezentat huwa ghall-1 ta' Dicembru 2008, t-tnejn l-ohra ghall-31 ta' Dicembru 2008.*

*Illi s-servizzi rezi huma kollha fiz-zmien Dicembru 2008.*

*Illi ma ngabet ebda prova da parti tas-socjeta' attrici li z-zmien tal-preskrizzjoni fil-perjodu ta' sena gie miksur. Illi fil-fatt ntbaghtet ittra ufficjali lill-konvenut Louis Cini fit-22 ta' Jannar 2010 u ghalhekk wara li skadiet is-sena.*

*Illi mill-provi ma jirrizultax illi qatt sar xi hlas akkont jew kien hemm accettazzjoni tal-istess kont jew b'xi mod jew iehor il-konvenut accetta l-kont kif trid il-ligi.*

*Illi s-socjeta' attrici qatt ma hadet passi kontra l-kjamati in kawza ghaliex skont hi l-ammont huwa dovut mill-konvenut, Louis Cini, u mhux mill-werrieta tal-mejjet ghaliex ma kienx hemm relazzjoni guridika ma' dawn imma biss ma' Louis Cini ghaliex kien hu li ffirma l-ftehim.*

*Illi ghalhekk wiehed ghandu issa jara jekk it-talba odjerna tirrizultax preskritta minhabba l-applikazzjoni tal-artikolu **2147(b):***

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sena:*

*(b) l-azzjonijiet tas-sidien ta' lukanda, taverna jew alloġġ għall-alloġġ u għall-ikel li jagħtu;*

*Illi f'dan il-kaz it-Tribunal ihoss illi fir-rigward ta' din it-talba wiehed ma jistax ma japplikax dan l-artikolu ghaliex huwa kaz car t'allogg u provizjoni ta' servizzi ancillari ma' dan. Id-djar tal-anzjani huma fil-fehma ta' dan it-Tribunal postijiet li jipprovdu l-ewwel u qabel kollox servizzi ta' allogg lill-anzjani, s-servizzi l-ohra jistghu jitqiesqu bhala servizzi ancillari ma' dan.*

*Ghal din ir-raguni t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta' preskrizzjoni tal-konvenut, u anke tal-kjamati in kawza u jiddikjara li l-kawza hija preskritta ai termini tal-aritkolu 2147(b) tal-Kodici Civili.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur. "*

Illi minn din is-sentenza appellat s-socjeta Care Malta Ltd bl-aggravju illi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2147(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta imressqa mill-konvenut u mill-kjamati in kawża kontra t-talba attriċi mhijiex applikabbli għall-fattispeċie tal-każ odjern.

Illi ai fini ta' ezami tat-terminu preskrittiv applikabbli ghall-azzjoni attrici jenhtieg illi jigu ezaminati l-fatti rizultanti mill-atti processwali.

***"Jidher li hu dejjem doveruz fuq il-Qorti li din tistharreg jekk il preskrizzjoni eccepita hijiex ammissibbli jew konfigurabbli ghall-fatti li fuqhom hi bazata t-talba attrici, u tistabilixxi, allura, jekk it-terminu preskrittiv invokat mill-konvenut kienx jew le applikabbli ghalihom".*** - **Selvagi Christopher Et Vs Borg Peter (App Inf 09/01/2008)**

Is-soċjetà appellanti tallbet il-ħlas fis-somma ta' €1,606.37 valur ta' akkomadazzjoni mogħti minnha lil Carmelo Cini fid-dar għall-anzjani Villa Messina, ir-Rabat, u dan għab-bażi ta' *Admission Agreement of Residents to Villa Messina,* St Dominic Square, Rabat, sottoskritt mill-appellat Louis Cini.

Illi t-Tribunal laqa' l-eccezzjoni sollevata mill-appellati u iddeċieda illli l-kawża hija preskritta ai termini tal-artikolu 2147(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi s-socjeta appellanti aggravata b'din id-decizjoni tressaq l-impunjattiva illi l-preskrizzjoni eccepita quddiem it-Tribunal ma kienetx applikabbli ghal kaz in dizamina. Illi l-**artikolu 2147(b)** jipprovdi illi jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sena l-azzjonijiet tas-sidien ta' lukanda, taverna jew alloġġ għall-alloġġ u għall-ikel li jagħtu. Is-socjeta appellanti, kwindi, tikkumbatti ghal din il-preskrizzjoni eċċepita billi tgħid illi apparti l-akkomodazzjoni u ikel, hija toffri kura medika u mediċinali u assistenzi oħra lir-residenti taghha u ma tistax tigi ekwiparata mas-servizzi li jigu moghtija f'lukanda.

Illi kif ġie ritenut mill-Qrati tagħna "***l-ezami tal-preskrizzjoni kellha tigi nkwadrata fil-qafas tal-azzjoni ntentata minnha." (Korporazzjoni Ghas-Servizzi Ta`l-Ilma Vs Oil And Construction International Limit AC 28/04/2004 (924/2001/1)).*** Bl-istess mod, fis-sentenza Cuschieri Lorry Sive Lawrence Vs Onor Ministru Ta' L-Ambjent Et tal- 25/02/2005 (Appell Nru 886/1995/1) il-Qorti irreteniet:

*"Kif gie ritenut fis-sentenza* ***Frank German v. Domenico Azzopardi*** *deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Jannar 1950 "(L)-indoli ta' l-azzjoni tigi desunta mhux tant mill-kliem piu` o meno ezatti tal-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop illi ghalih huwa intiz il-gudizzju (Kollezz Vol. XXXIVB-III-7465, ara wkoll fl-istess sens,* ***Generoso Cutajar v. Emmanuele Cutajar*** *deciza*

*fit-22 ta' Ottubru 1953; **George Muscat v. Carmelo Zammit** deciza fis-26 ta' April 1961 Vol. XLV-II-652; **Gaetano Farrugia v. Philip Magri** deciza fil-11 ta' Frar 2004 mill-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri)).*"

Dan premess, jiġi osservat minn din il-Qorti illi minn ħarsa lejn it-talba maghmula mis-socjeta Care Malta Limited, jirriżulta l-azzjoni attrici hija imsejsa fuq talba ghal ħlas ta' €1606.37 bilanċ dovut għall-akkomodazzjoni għal Diċembru 2008 favur Carmelo Cini gewwa Villa Messina, r-Rabat li hija dar residenzjali ghall-anzjani, u dana skont ftehim iffirmat bejn il-kontendenti tas-17 ta' Marzu 2008, anness mal-avviz tat-talba. F'dan il-ftehim gie pattwit mhux biss illi is-servizz kellu jikkomprendi wiehed ta' akkomodazzjoni, izda ukoll dak li jissejjah fil-klawsola numru wiehed bhala "Level of Care C". Fil-fatt mid-dicitura ta'l-istess klawsola johrog illi isir ezami mediku fuq ir-resident sabiex jigi stabbilit jekk il-livell ta' kura pattwit huwiex wiehed idonju ghalih jew inkella jekk ikunx hemm bzonn livell oghla ta' kura. Mhux biss izda il-klawsoli kollha tal-kuntratt jindikaw b'mod car illi s-servizz li qed jigi provdut mhuwiex wiehed semplici ta' akkomodazzjoni jew allogg, kif stabbilit fl-artikolu 2147(b), izda huwa wiehed ta' kura professjonali (ara klawsola numru 3(b)). Imbaghad fil-ftehim intitolat "*Conditions for Admission to Villa Messina*" hemm stipulat sahansitra illi s-servizz jinkludi anke l-kura ta' infermjiera li jiehdu hsieb jissomministraw anke medicinali jekk ikun hemm il-htiega. Dan ghalhekk huwa kuntratt *sui generis* li ma ghandu l-ebda xebh ma' ftehim ta' allogg kif previst fl-artikolu 2147(b), izda ghandu iktar xebh ma' servizzi li jinghataw f'sptar.

Illi huwa minnu illi fl-avviz promotur is-socjeta appellanti qieghda tfittex ghal bilanc ta' prezz dovut in konnessjoni ma' servizzi ta' akkomodazzjoni ipprovduti lill-missier l-intimati, madanakollu l-istess talba ghandha il-fondament taghha f'kuntratt milhuq bejn il-partijiet fejn gew miftiehma servizzi

ohra inkluzi anke servizzi ta' kura medika[1]. Dan huwa imbaghad ikkonfermat mid-dokumenti esebieti minn fol.27 sa 38 tal-process li jikkonsistu f'sensiela ta' *invoices* dettaljati dwar il-kura li inghatat li tinkludi fost ohrajn medicinali u servizzi ta' infermjiera.

Għaldaqstant hi l-ferma opinjoni ta' din il-Qorti minn dak fuq ragonat illi l-preskrizzjoni eccepita u ċioe dik fl-artikolu 2147(b), li jittratta azzjonijiet għall-alloġġ u għall-ikel, ma kenitx għaldaqstant dik idonea ghall-bazi tal-azzjoni odjerna. Kif gustament gie deciz fil-kawza iccitata mill-appellanti:

*"Relattivament ghal eccezzjoni tal-preskrizzjoni dwar l-akkomodazzjoni zgur li sptar ma ghandhux jigi ekwiparat ghal lukanda, tverna jew allogg. Il-paragun zgur ma jaghmilx gustizzja bejn l-iskop ta' akkomodazzjoni li wiehed isib f'lukanda u sptar!"*

Illi allura l-Qorti tara illi is-socjeta appellanti ghandha ragun fl-ilment taghha. Kwindi ma hemmx dubbju illi l-azzjoni odjerna taqa' bil-preskrizzjoni kwinkennali li certament ma kenitx ghadha iddekorriet meta giet intavolata l-azzjoni odjerna.

"**Illi, kif inghad iżjed 'il fuq, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilita' taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra eccipjent. Dan ma jfisser bl-ebda mod li l-attur huwa mehlus milli jressaq provi konvincenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tieghu. ...**

**Illi bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li l-preskrizzjoni (specjalment dik tax-xorta li toqtol il-process) hija istitut li, min-natura tieghu, irid jitqies**

[1] Ara decizjoni Dolmen Complex Limited vs Intramed Limited – PA 24/02/2014

**fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi u jitfisser dejjem b'mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan illi ghandu isir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.**"[2]

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' l-appell u b'hekk tirrevoka s-sentenza appellata li laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni eccepieta. Tirrinvija l-atti quddiem it-Tribunal biex hemm tkompli tigi trattata u definita l-kawza fuq il-mertu taghha u fl-ambitu tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-intimat u l-kjamati fil-kawza appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Stencil Pave (Malta) Ltd. Vs Dr. Maria Deguara noe. (PA 30/10/2003)